MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2008

Numru. 1535/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Antoine Ellul**

Kumpilazzjoni Numru 1535/2007

Illum, 14 ta’ Lulju, 2008,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Antoine Ellul, iben Edgar u Jane nee Farrugia imwieled Pieta f’l-20 ta’ Jannar 1982, u residenti Mahznier Farmhouse Hagar Qim limiti ta’ Qrendi jew Reborn Bar Cross Road Marsa, detentur ta’ karta ta’ identita numru 75382M.

Akkuzat talli fit-30 ta’ Ottubru 2007 ghall-habta ta’ 18.45 fi Triq San Mattew Qrendi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq il-vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta’ registrazzjoni GAH 717, liema hsara teccedi l-hamsin lira (€116.47) izda mhux il-hames mitt lira (€1164.7) u dan ghad-dannu ta’ Patrick Aquilina minn Birzebbugia bi ksur ta’l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija apparti l-piena kontemplata mill-Ligi tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur ta’l-istess Patrick Aquilina.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ hsara volontarja kkawzata fil-vettura ta’ Patrick Aquilina.

Illi jirrizulta li nhar it-30 ta’ Ottubru 2007 ghall-habta tas-sebgha nieqes kwart ta’ fil-ghaxija l-parte civile Patrick Aquilina kien qed isuq il-vettura tieghu (b’numru ta’ registrazzjoni GAH 717) fi Triq San Mattew Qrendi. Waqt li kien ghaddej xi hadd tefa’ xi haga lejn il-vettura tieghu; dan l-oggett laqghat u farrak il-hgiega tal-bieba ta’ wara tan-naha tax-xellug tal-vettura u ghamel hsara f’l-istess bieba. Il-parte civile jghid li kien l-imputat li tefa dan l-oggett u li kien cert minn dan ghax hu lill-imputat kien jafu. Il-parte civile qal ukoll li fil-mument ta’l-incident kien quddiem id-dar ta’ l-imputat u li rah hiereg mid-dar u rah ukoll jitfa l-oggett li laqghat il-vettura tieghu. Il-parte civile

jghid ukoll li l-imputat beda jghajjatlu biex jieqaf u jistiednu ghall-glied; huwa (il-parte civile) pero baqa jsuq u fil-fatt baqa sejjer l-ghassa fejn ghamel rapport.

Illi jirrizulta li l-hsara fil-vettura tammonta ghal Lm53.30 ekwivalenti ghal €124.16.

Illi s-surgent li ha r-rapport tressaq bhala xhud. Huwa qal li malli sar ir-rapport cempel lill-imputat biex dan imur l-ghassa; l-imputat, fil-waqt li qal lis-surgent li huwa kien ghadu kif hareg mid-dar u li huwa kien joqghod fi Triq San Mattew Qrendi, cahad l-involviment tieghu f’dan l-incident.

Illi eventwalment (u cioe fit-13 ta’ Dicembru 2007) l-ispettur li kien qed imexxi l-investigazzjonijiet ha l-istqarrija ta’l-imputat. Anke hawn l-imputat cahad l-involviment tieghu f’dan il-kaz.

Illi l-imputat ghazel li jixhed u waqt id-depozizzjoni tieghu jallega li fil-hin ta’l-incident hu kien qed jigri f’l-inhawi ta’Hagar Qim kif jaghmel kull jum u li ma setghax kien fil-post ta’l-incident.

Illi l-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-fatt li meta l-imputat kellem lis-surgent ezatti wara li sar l-incident qallu li hu kien ghadu kif hareg mid-dar tieghu f’Triq San Mattew Qrendi u mhux li kien qed jigri hdejn Hagar Qim. In oltre meta l-Ispettur Agius kien qed jiehu l-istqarrija ta’l-imputat dan ghazel li jirrispondi ghal mistoqsijiet li sarulu. B’referenza partikolari ghar-raba domanda l-imputat ma semma xejn dwar l-fatt li fil-hin ta’l-incident kien qieghed jigri f’l-inhawi ta’ Hagar Qim.

Illi l-Qorti, minn ezami ta’l-atti, u anke wara li kellha l-opportunita tara l-komportament ta’l-imputat waqt id-depozizzjoni tieghu, hija konvinta li l-fatti graw kif rakkontati mill-parte civile u li minkejja l-kunflitt fil-verzjonijiet tista’ taghti kredibilita lill-verzjoni mghotija mill-parti leza.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat u l-entita tal-hsara kawzata kif ukoll l-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm hiex netta lanqas m'hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u li fi zmien xahar ihallas lill-parte civile Patrick Aquilina s-somma ta' mija erbgha u ghoxrin Euro u sittax il-centezmu (€124.16).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------